DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR202386** **25.11.2020**

**STQARRIJA MILL-MINISTRU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

**Il-Gvern qed jiddiskuti d-direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar paga minima adegwata fost l-Istati Membri Ewropej sabiex jifforma l-pożizzjoni tiegħu**

***Il-Ministru Carmelo Abela waqt diskussjoni pubblika mill-MEUSAC dwar il-futur tal-UE, bit-tema Investiment fin-nies għal soċjetà ġusta***

Il-Gvern Malti qed jiddiskuti internament id-direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar paga minima adegwata qalb l-Istati Membri sabiex jifforma l-pożizzjoni tiegħu. Din id-direttiva għandha l-għan li tara li ġġib il-konverġenza bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam u jiġi żgurat li l-ħaddiema f'kull pajjiż tal-UE jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol li jistabilixxu paga minima. B'hekk l-UE tkompli tibni ekonomiji u soċjetajiet ġusti u reżiljenti konformi mal-aġenda socjali tal-istess Unjoni Ewropea.

Dan qalu l-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Carmelo Abela, responsabbli fost l-oħrajn mid-djalogu soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Huwa kien qed jindirizza l-aħħar diskussjoni pubblika online minn sensiela ta' erbgħa organizzati f'Novembru mill-MEUSAC fuq il-futur tal-UE, li trattat l-aġenda soċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Ministru Abela semma kif b'differenza ta' diversi pajjiżi fl-UE, Malta hija wieħed mill-pajjiżi Ewropej li stabilixxa l-kunċett ta' paga minima nazzjonali u għalhekk dan ipoġġi lil pajjiż f'vantaġġ f'ambitu tad-Direttiva tal-UE. Qal li għal pajjiżi oħra dan huwa kunċett dibattibli. Huwa nnota kif fl-aħħar snin il-Gvern Malti żied il-paga minima u ħoloq il-Kummissjoni Għal Paga Baxxa li għandha l-għan li tiddiskuti ċ-ċirkostanzi kollha li jaffetwaw il-paga minima u tippreżenta rapport lill-Prim Ministru bis-suġġerimenti tagħha. Qal li l-Gvern beda wkoll bid-diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali u ser jieħu nota tal-pożizzjoni tagħhom fir-riward tad-Direttiva Ewropea li qed tigi proposta.

Fl-intervent tiegħu huwa tkellem ukoll fuq l-aġenda soċjali tal-UE, fejn qal li Malta għandha qafas soċjali b'saħħtu. Qafas li qed iwassal sabiex il-Gvern jgħin b'mod effettiv diversi setturi fis-soċjetà, speċjalment dawk l-iżjed vulnerabbli u lil dawk li jinsabu f'riskju ta' faqar.

Il-Ministru Abela semma wkoll li l-Gvern qed jagħti każ tal-effetti kollha tal-pandemija, fuq il-ħaddiema, inkluż permezz ta' studju mill-MCESD li ħares lejn l-effetti fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema.

Fi kliem il-Ministru Abela, "il-pandemija li ħakmet id-dinja ma sabitnix mhux ippreparati. Il-qgħad f'pajjiżna mhux qed jiżdied, talli fl-aħħar ħames xhur kompla jonqos. Qed nagħmlu l-almu tagħna



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**

biex inżommu l-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Jekk wieħed ma jaspirax li jkollu xogħol adekwat, ma jistax jilħaq l-aspirazzjonijiet tieghu u tal-familji".

Id-diskussjoni ffukat fuq kif l-Unjoni Ewropea, waqt li taħdem favur ekonomiji reżiljenti, ma tħallix min jaqa' lura, biex fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew għad-Drittijiet Soċjali, is-soċjetà Ewropea tkun tassew soċjetà ġusta u ekwa li tpoġġi l-bniedem fiċ-ċentru u l-bażi ta' dak kollu li jsir.

Fid-diskussjoni ħadu sehem il-Membri Maltin tal-Parlament Ewropew Josianne Cutajar (S&D), Alfred Sant (S&D) u David Casa (EPP); Anthony Gatt, Direttur tal-Caritas Malta; Marthese Mugliette, Chairperson tal-Federazzjoni Maltija tal-Organizzazzjonijiet għall-Persuni b'Diżabilità; Ruth Sciberras, Kap Ezekuttiv tal-Aġenzija Sapport; Noel Xerri mill-Anti-Poverty Forum Malta; Gabriele Bertone mill-YMCA.